SAN GILJAN

**KUNSILL LOKALI SAN ĠILJAN**
**Triq Forrest, San Ġiljan, STJ 2033**
Tel: 21373111  Fax: 21373444
email: sangiljan.lc@gov.mt

**Rif Minuti 13/K8/16**

**Laqgħa numru 13 tal-Leġislatura Nru. 8**

**Nru ta' seduti minn 07/04/'94 – 11/03/16** **391**

**Nru ta' Laqgħa Pubblika minn 10/03/'95 – 04/03/'16** **21**

## 13.01 Introduzzjoni

**13.01.01** Minuti tal-laqgħa ta' nhar l-Ġimgħa 11 ta' Marzu 2016.

**13.01.02** Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv, Triq Forrest, San Ġiljan, fl-4.00p.m.

| Isem | Kariga | Inizjali | Preżenza |
|---|---|---|---|
| Karl Gouder | Sindku | KG | Preżenti |
| Guido Dalli | Viċi Sindku | GD | Preżenti |
| Martin John Sultana | Kunsillier | MJS | Preżenti |
| Dott. Albert Buttigieg | Kunsillier | AB | Preżenti |
| John Agius | Kunsillier | JA | Preżenti |
| Adrian Dominic Ellul | Kunsillier | ADE | Prezenti |
| Clayton Luke Mula | Kunsillier | CLM | Preżenti |
| Clayton Tanti Gregoraci | Kunsillier | CTG | Preżenti |
| Rita Dimech Portelli | Kunsilliera | RDP | Preżenti |
| Paul Spiteri | Segretarju Eżekuttiv | PS | Preżenti |
| Cher Carmen Fenech | Skrivana | CCF | Preżenti |

**13.01.03** Il-Kunsill ġie nfurmat lis-Sur Brian Azzopardi mhux ser jattendi għal laqgħa.

**13.01.04** Preżenza tal-Pubbliku:- (2)

**13.01.05** Is-Sindku Karl Gouder ippresieda l-laqgħa.

**13.01.06** Inqrat it-Talba.

**Aġenda**

**13.01.08** Il-Kunsill mexa' fuq l-avviż li ġie ppubblikat fid-9 ta' Frar 2016. L- Aġenda kienet hekk:-

1. Approvazzjoni ta' Minuti
2. Korrispondenza
3. St. Patrick's Day
4. Ġieh San Ġiljan
5. Festa ta' Lapsi
6. Komunikazzjoni miċ-Ċermen
7. Update tal-proġetti
8. Approvazzjoni għall-Pagamenti tal-Kontijiet
9. Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets
10. Aġġornament tal-Laqgħa.

## 13.1 Approvazzjoni ta' Minuti

**13.1.01** Is-Sindku ressaq il-Minuti 12/K8/16 għall-approvazzjoni.

**13.1.02** Il-Kunsilliera Rita Dimech Portelli pproponiet l-approvazzjoni tagħhom.

**13.1.03** Il-Kunsillier Dott. Albert Buttigieg ssekondah.

**13.1.04** Il-Kunsill qabel unanimament.

## 13.1.2 Approvazzjoni ta' Minuti – Kumitat Amministrattiv Paceville

**13.1.2.01** Il-Kunsill approva unanimament il-Minuti 15/KA2/15 u 16/KA2/16 tal-Kumitat Amministrattiv Paceville (Ara Appendiċi 'A').

## 13.2. Korrispondenza

**13.2.01** Fuq il-mejda tqegħdet il-korrispondenza li nqrat miċ-Ċermen. Dawn huma:-

**13.2.02** **Rif Nru. P84**

Il-Kunsill ġie nfurmat bil-korrispndenza tal-Perit Toni Bezzina dwar l-*Public Seating* f' Xatt is-Sajjieda.

**13.2.03** **Rif Nru. 800 & 1195**

Saret riferenza għat-talba mingħand is-Sur Yuliyan Milushev għal *Advertising Barrier* fi Triq Santu Wistin. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż unanimament li Kunsill ma jaqbilx mal-proposta tiegħu.

**13.2.04** **Rif Nru. 939**

Saret riferenza għat-talba għal permess ta' Kiosk fid-Daħla tat-Tigulio. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż unanimament li l-Kunsill ma jaċċetax it-talba għas-17 ta' Marzu 2016 u l-24 ta' Marzu 2016.

**13.2.05** **Rif Nru. 1110**

Saret riferenza għall-email mingħand l-i*Street Naming Committee* dwar l-isem tal-Pjazza bejn Triq San Mark u Triq Lapsi. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż unanimament li tigi msemmija Pjazza Erbat' Irjieħ.

**13.2.06** Tinbagħat talba lill-i*Street Naming Committee* sabiex it-Trejqa li bħalissa tagħmel parti minn Triq il-Klarissi tiġi msemmija Trejqet Klarissi.

**13.2.07** **Rif. Nru. 1149**

Il-Kunsill ġie nfurmat b'email mingħand is-Sur John O'Dea dwar ir-riżenja tiegħu.

**13.2.08 Rif Nru. 1150**

Saret riferenza għat-talba mingħand l-Uffiċċjal Eżekkutiv is-Sinjura Josianne Cutajar għal *Perental Leave*. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż unanimament li l-Kunsill ma' jsib l-ebda oġġezzjoni.

**13.2.09 Rif Nru. 1257**

Saret riferenza għat-talba mingħand NRGY Group sabiex jsiru attivitajiet u jintwerew il-logħob tal-EURO 2016 fil-Ġnien Spinola. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż unanimament li l-Kunsill ma jaqbilx mal-proposta mitluba.

**13.2.10 Rif Nru. 1291**

Il-Kunsill ġie nfurmat bil-korrispondenza mill-MEPA dwar PC0014/16.

**13.2.11 Rif Nru. 1179**

Saret riferenza għall-ittra mingħand il-Barracuda Ltd. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż unanimament li l-Kunsill ma jaqbilx mal-proposta. Filwaqt li tintbagħat objection lill-MEPA.

**13.2.12 Rif Nru. 1442**

Saret referenza għall-proposta mingħand Daniel Aquilina dwar *beach lockers* fil-bajjiet. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż unanimament li l-Kunsill jiltaqa' miegħu.

**13.2.13 Rif Nru.1439**

Saret riferenza għall-email mingħand l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali dwar l-*European Youth Event*. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż unanimament li l-Kunsill ma'

jsib l-ebda oġġezzjoni li l-Kunsillier Clayton Luke Mula jmur Strasborg.

**13.2.14 Rif Nru. 1440**

Saret riferenza għaċ-ċirkulari mingħand l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali dwar ġemellaġġ ma' Isani fil-Georgia. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż unanimament li l-Kunsill ma japplikax minħabba li diġa' ser ikollu ġemellaġġ ma' ta' Piża.

## 13.3 St. Patrick's Day

**13.3.01** Il-Kunsill ġie nfurmat li:-

a. Bħal ma ġie deċiż fil-laqgħa li għaddiet, ser jinħarġu biss permessi għall-applikanti li għandhom bar fil-lokalita'.

b. Ser isiru mobile toilets waqt l-attivita'.

c. Ser ikun hemm ambulanza f'każ li tinqala' xi emerġenza.

d. Saret laqgħa mal-Pulizija ta' San Ġiljan sabiex waqt l-attivita' jkun hemm koordinazzjoni għat-*traffiic management.*

e. It-traffiku ser jiġi ddevjat bil-kontra minn Triq Dragunara għall-Bajja ta' San Ġorġ, sabiex l-area fejn ser issir l-attivita' jkun hemm inqas traffiku.

f. Ser tintbagħat ittra lis-Sur Tommy Debono – Transport Malta sabiex jiġu nfurmati bid-devjazzjoni li ser issir għal waqt l-attivita'.

## 13.4 Ġieh San Ġiljan.

**13.4.01** Kif diġa ġie deċiż fil-laqgħa ta' qabel, l-attivita' ser issir nhar il-Ħadd 3 ta' April 2016 fis-7.00p.m. Din ser issir ġewwa l-iskola Primarja ta' San Ġiljan.

**13.4.02** Ser jibdew jinħarġu ċ-ċertifikati għan-nominati.

**13.4.03** Il-Persuni nominati huma:

1. Dun Gwann Galea
2. Is-Sur Norman Vella
3. Is-SurRichard Scicluna
4. Is-Sinjura Irene Borg
5. Dr. Marceline Naudi
6. Is-Sur Roger Muscat
7. Is-Sinjorina Marceline Agius
8. Is-Sur Marcel Scicluna
9. Is-Sur Edgar Montanaro
10. Is-Sur Vincent Vassallo
11. Is-Sur Peter Bonello
12. Is-Sur Stevie Camilleri
13. Is-Sur Michael Grech
14. Is-Sur William Mark Camilleri

## 13.5 Festa ta' Lapsi

**13.5.01** Il-Kunsill ġie nfurmat li saret laqgħa ma' l-għaqdiet kollha li ser jieħdu sehem fl-attivita'.

**13.5.02** Din is-sena l-attivita' tal-Festa ta' Lapsi ser issir nhar is-Sibt 7 ta' Mejju 2016 filgħaxija.

**13.5.03** Ser isiru promotional materials fir-rigward l-attivita'.

## 13.6 Kommunikazzjoni miċ-Ċermen

**13.6.01** Intbagħatet ittra lir-residenti ta' Triq il-Qalb Imqaddsa għall-feedback fir-rigward jekk Triq il-Qalb Imqaddsa għandiex issir *one way.* Kien hemm opinjonijiet opposti. Kien hemm aktar nies favur li din it-triq issir *one way.* Għaldaqstant wara diskussjoni qasira ġie deċiż unanimament li din tintbagħat lit-Transport Malta sabiex jittieħed parir min-naħa tagħhom jekk din għandiex issir one way u jekk iva mil-liema naħa.

**13.6.02** Ser issir laqgħa maż-żewġ kumitati tal-Water Polo kemm ta' San Ġiljan kif ukoll tan-Neptunes, sabiex issir logħba bejn iż-żewġ timijiet possibilment bejn it-tfal, *youths* u l-kbar.

## 13.7 Update tal-Proġetti

**13.7.01** Ser terġa tintbagħat reminder ma' l-Onor. Justyne Caruana fir-rigward id-Dar ta' l-Anzjani.

**13.7.02** Bejn Mejju u Ġunju ser jibdew il-*wave studies* min-naħa ta' l-*Malta Tourism Authority* sabiex fil-Bajja tal-Balluta jerġa jinġieb ir-ramel.

**13.7.03** Il-Proġett ta' Xatt is-Sajjieda ser jibda wara Ottubru minħabba l-perjodu tas-sajf.

**13.7.04** Irċievejna mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali fir-rigward il-Public Toilets sabiex jibda jsir l-*upgrading* tagħhom.

**13.7.05** Ser jibdew jinbidlu l-bankijiet ta' madwar il-promenade ta' San Ġiljan

**13.7.06** Il-proposta fir-rigward Triq Scicluna, il-pjanta li ntgħażlet, ser tintbagħat lill-Perit sabiex l-proġett isir fuq din il-pjanta.

**13.7.07** Mill-ġimgħa d-dieħla ser jibdew ix-xogħolijiet fuq Wesgħet Agostino Savelli.

**13.7.08** Fir-rigward ic-CCTV cameras mal-Bring in Sites, il-Kunsill reġa' beda l-proċess mill-bidu mal-GO minħabba li mal-Melita kien hemm diversi kumplikazzjonijiet.

## 13.8 Approvazzjoni għall-Pagamenti tal-Kontijiet.

**12.9.01** Iċ-Ċermen ressaq il-pagamenti għall-approvazzjoni (Ara Appendiċi 'B').

**12.9.02** Il-Kunsillier Rita Dimech Portelli pproponiet l-approvazzjoni tagħhom.

**12.9.03** Il-Kunsillier Dott. Albert Buttigieg ssekondaha.

## 13.9 Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets

**13.8.01** Il-Kunsill ġie ppreżentat bil-Purchase Request Sheets minn Nru. 3908 sa' Nru. 3925 (Ara Appendiċi 'Ċ').

**13.8.02** Il-Kunsill qabel unanimament mal-approvazzjoni tal-Purchase Request Sheets minn Nru. 3908 sa' Nru. 3925.

## 13.11 Affarijiet oħra meqjusa urġenti u Aġġornament

**13.11.01** Il-laqgħa li jmiss ser issir nhar il-Ġimgħa 8 ta' April 2016.

**13.11.02** Ġie suġġerit li l-area tal-promenade minn Ta' Xbiex sa San Ġiljan tkun immaniġjata minn entita' waħda.

**13.11.03** Il-Kunsill ġie nfurmat li l-Facebook tal-Kunsill ser jibda jkun imxemmi mill-Amministrazzjoni.

**13.11.06** Il-laqgħa ntemmet fis-6.35p.m.

| | |
|---|---|
| **Karl Gouder**<br>**Ċermen** | **Paul Spiteri**<br>**Segretarju Eżekuttiv** |